MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2010

Numru. 129/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ivan Cilia)**

**vs**

**EDGAR GRIMA ta’ 51 sena, bin il-mejjet Leone u Josephine nee’ Degiorgio, imwieled Pieta’ fid-29 ta’ Gunju 1958 u li joqghod f’Block 5, Door 2, Luqa Road, Tarxien detentur tal-karta ta’l-identita’ numru 468158(M)**

**U**

**EMANUELA sive LILIAN GRIMA bint il-mejjet Joseph Gialanze u Lorenza nee’ Chircop, imwielda l-Isla fit-18 ta’ April 1954 u li toqghod f’Block 5, Door 2, Luqa Road, Tarxien, detentrici tal-karta ta’l-identita’ numru 344954(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati Edgar Grima u Emanuela sive Lilian Grima akkuzati talli f'Novembru 2006 u fix-xhur ta' wara, gewwa dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' Sabrina u Christopher konjugi Buckland.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha ta' dan il-procediment

Rat l-Artikoli tal-Ligi mibghuta mill-Avukat Generali tad-19 ta' Ottubru 2009.

Semghet illi l-imputati ma kellhomx oggezzjoni illi dana il-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi min-nota tieghu tar-rinvju ghal gudizzju jirrizulta illi l-imputati qed jigu akkuzati bir-reat tal-frodi jew truffa ai termini ta'l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>IL-LIGI</u>**

Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn min qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil_kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis … Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi ….."***. Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.

Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:

a. b'mezzi kontra l-ligi, jew
b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
c. ta' kwalifiki foloz jew
d. billi jinqeda b'qerq iehor u
e. ingann jew
f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,
g. jew ta' hila
h. setgha fuq haddiehor jew
i. ta' krediti immaginarji jew
j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ….”

Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi ***“hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza “Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi “quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede.”***

Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi ***"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."***

***"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-Qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa ***"l'elemento del'danno patrimoniale"*** Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "***I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione***

***in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : ***"L'agente … deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta'l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonoqs milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsgwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

## <u>IL-FATTI</u>

Illi l-fatti ta' dana il-kaz jikkoncernaw ksur ta' ordni ta' Qorti u cioe' il-ksur ta' Mandat ta' Inibizzjoni mahrug milli Prim'Awla tal-Qorti Civili u dana fit-8 ta' Lulju tas-sena 2002. Dana il-Mandat gie mahrug in konnessjoni ma' talba mressqa quddiem il-Qrati Civili mill-konjugi Sabrina u Christopher Buckland kontra l-imputat Edgar Grima, u dana ghal danni kagjonati minn Grima fil-proprjeta tal-konjugi Buckland gewwa il-Fgura meta sehhet spluzjoni fil-garaxx sottostanti il-proprjeta ta'l-istess Buckland, liema garaxx kien fil-pussess ta'l-imputat. Irrizulta illi l-imputat li x'aktarx kien jaghmel xi xoghol tan-nar f'dana il-garaxx jew xi xogholijiet ohra konnessi ma' spray ta' vetturi, gie dikjarat responsabbli ghad-danni sofferti mill-konjugi Buckland f'dina l-ispluzjoni u dana permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Dicembru 2006 fejn l-imputat gie ikkundannat ihallas lil Buckland is-somma ta' Lm8017 bhala danni oltre l-ispejjez tal-kawza.[1] Illi meta il-konjugi Buckland gew sabiex jezegwixxu dina is-sentenza, huma ipprocedew sabiex jitolbu il-bejgh in subbasta tal-proprjeta konsistenti f'garaxx gewwa Hal Tarxien li kien gie maqbud permezz tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 1487/02 hawn fuq indikat,[2] liema Mandat kien gie innottifikat lill-imputat Edgar Grima personalment u dana fit-08 ta' Lulju 2002.[3] Matul dawn il-proceduri tas-subbasta hareg illi Edgar Grima u martu l-imputata Emanuela Grima kienu ittrasferew dina l-proprjeta b'titolu ta' donazzjoni lil binthom Louise Grima Fiorenza u dana permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar tas-16 ta' Novembru 2006.[4] Illi minhabba dawn il-fatti gew istitwiti il-proceduri odjerni fil-konfront ta'l-imputati. Dana peress illi l-prosekuzzjoni tallega illi dana t-trasferiment sar ftit xhur qabel ma inghatat s-sentenza fil-konfront taghhom bl-intenzjoni specifika illi jigu defrawdati il-konjugi Buckland mid-drittijiet taghhom li jigu ikkumpensati ghad-danni sofferti minnhom, trasferiment li del resto sar bi ksur ta' ordni imposta fuq l-imputat Edgar Grima mill-Qorti sabiex huwa ma jaghmel l-

[1] Ara Dokument AA1 a fol.52 et.seq. tal-process
[2] Ara Dokument AA2 a fol.57 et.seq.
[3] Ara riferta a fol.60 kif ukoll ix-xhieda tal-Marixxal Carmel Farrugia a fol.61 u 62 tal-process.
[4] Ara Dokument IC7 a fol.79 et. seq.

ebda trafseriment tal-unika proprjeta immobbli li kellu u cioe' ta' dana il-garaxx gewwa Hal Tarxien.

Id-difiza min-naha taghha tikkontendi illi il-fattispecje ta' dana il-kaz ma ghandhomx l-elementi legali rikjesti fl-artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u li il-parti leza kellha rimedji ohra ta' natura civili li messa intavolat, proceduri ohra ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti ghal ksur ta'l-ordni kontenuta fil-Mandat ta' Inibizzjoni intavolat kontra l-imputat.

Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma dana l-argument imressaq mid-difiza. Ibda biex il-ligi fl-artikolu 6 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddisponi espressament illi "L-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement minn xulxin". Oltre dana l-artikolu 4(1) ighid: "L-azzjoni kriminali hija essenzjalment pubblika u tmiss lill-Istat u titmexxa fl-isem tar-Repubblika ta' Malta bil-mezz tal-Pulizija Ezekuttiva jew ta'l-Avukat Generali, kif ikun il-kaz skond il-ligi." Dana ifisser illi indipendentement mill-fatt jekk il-konjugi Buckland u cioe' il-parti leza f'dina l-kawza kellhomx rimedji ohra ta' natura civili miftuha ghalihom, b'daqshekk ma ifissirx illi l-Pulizija Ezekuttiva ma tistax tipprocedi kontra l-imputati jekk ikun hemm xi suspettat illi l-azzjonijiet taghhom jikkostitwixxu reat skond il-ligi. Il-Qorti ghalhekk trid tara jekk bl-azzjonijiet taghhom l-imputati jistghux jinstabu hatja li ikkomettew frodi u dana b'dannu ghal konjugi Buckland u cioe' jekk jissussitux f'dana il-kaz l-elementi legali kif elenkati iktar 'il fuq li jikkostitwixxu dana id-delitt. Il-Qorti mhijiex imsejha sabiex tara jekk l-imputati jistghux jinstabu hatja li kisru l-ordni imposta fuqhom mill-Qorti. Kieku dana kien il-kaz allura d-difiza kien ikollha ragun. Il-Qorti trid tinvestiga jekk bl-agir taghhom, l-imputati kellhomx il-*mens rea* sabiex jikkomettu frodi a detriment tal-konjugi Buckland.

Illi gie ampjament ippruvat illi il-parti leza kienet ressqet talba quddiem il-Qrati Civili ghal danni minnhom sofferti minhabba traskuragini u nuqqas ta' attenzjoni u diligenza da parti ta' Edgar Grima meta sehhet spluzjoni fil-garaxx tieghu li kien sottostanti l-proprjeta tal-konjugi Buckland.

Ta’ dana irrizulta illi l-imputat Grima kien responsabbli tant illi inghatat sentenza fil-konfront tieghu. L-imputat ghalhekk kien konsapevoli tal-fatt illi kien hemm possibilita’ illi huwa kien ser ikun ikkundannat jikkompensa lil Buckland ghal hsara minnhom sofferti minhabba dana in-nuqqas da parti tieghu. Jidher illi matul il-mori tal-kawza kien hemm rapport mill-espert nominat mill-Qorti f’dik il-kawza civili li ma kienx favur tieghu, liema espert kien diga illikwida d-danni li x’aktarx l-imputat kien ser ikollu ihallas. Dana jirrizulta mid-dicitura tas-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili. L-imputat ukoll certament kien ben konsapevoli tal-fatt illi is-sentenza kienet ser tinghata fid-data iffissata mill-Qorti Civili u ghalhekk ftit xhur qabel haseb sabiex idawwar l-uniku proprjeta immobbli li kien hemm fuq ismu ghal fuq isem bintu li jidher illi irrizulta di piu’ li tghix gewwa l-Italja. Illi jidher ukoll illi minn mindu inghatat dina s-sentenza sal-lum l-imputat Grima ghad ma indenjax ruhu ihallas xi parti mill-ammont dovut lill-konjugi Buckland ghal dak li sofrew kagun tat-traskuragini tieghu. Dana jirrifletti l-intenzjonijiet tieghu illi jipprova jevita li ihallas dak dovut minnu.

Illi l-imputat Edgar Grima ma xehedx f’dawn il-proceduri. Huwa irrilaxxa zewg stqarrijiet lill-pulizija fejn huwa jikkontendi illi ma kienx jaf bl-esistenza tal-Mandat ta’ Inibizzjoni li gie intavolat kontra tieghu. L-Qorti ma temmnux! Gie ampjament ippruvat illi l-imputat Edgar Grima kien gie innotifikat personlament b’dana il-Mandat. Di piu mill-ahhar paragrafu tat-tieni stqarrija rilaxxjata minnu jidher car x’kienet l-intenzjoni tieghu meta ittrasferixxa il-garaxx lil bintu b’donazzjoni meta ighid:

“Jiena assumejt li meta kont ser nitlef il-kawza civili kienu ser jigu jiehdu l-proprjeta tieghi, inkluz l-affarijet li ghandi d-dar ghaliex niftakar li kie gie Marixxal u ghamel elenku tal-affarijiet li ghandi d-dar … Jiena dejjem ghedt li xtaqt nhallas lill-koppja Buckland, imma ma xtaqtx li nitlef il-proprjeta. Assumejt li stajt nitlef il-garaxx u t-tifla kienet qaltli li ma tkunx tista’ tiehu l-garaxx. Jien kont dahhalt f’rasi li jekk hemm Mandat fuq il-garaxx ma kontx inkun nista’ indawwar il-garaxx fuq binti. Mort ghand in-Nutar u

sar il-kuntratt u kont serraht mohhi li ladarba sar il-kuntratt dan kien validu l-garaxx isir ta' binti…."[5]

Mela l-imputat kien konsapevoli tal-fatt illi huwa kien ser ikollu jikkumpensa lill-koppja Buckland ghad-danni, kien jaf illi l-unika proprjeta immobbli li kellu fuq ismu kien il-garaxx in kwistjoni, kien jaf illi dana seta' ikun soggett ghal qbid u ghalhkek kien ser jitlef il-proprjeta' tieghu. Ghaldaqstant permezz ta' raggiri u ingann, mar ghand in-Nutar sabiex jittrasferixxi dina il-proprjeta b'titolu gratwit favur bintu li tghix l-Italja u dana sabiex b'hekk il-koppja Buckland kienu jigu imcahhda mill-flus lilhom spettanti skond il-ligi, b'konsegwenza ta' telf patrimonjali ghalihom u profitt ghalih. Il-kuntratt tad-donazzjoni ma kien xejn aktar hlief mezz sabiex huwa ikun jista' jinganna lill-koppja Buckland. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi hawnhekk jissusstu l-elementi kollha li isawru ir-reat tat-truffa.

Illi ghar-rigward ta'l-imputata Emanuela sive Lilian Grima, li hija mart l-imputat jinghad illi ghalkemm il-kawza qatt ma giet intavolata kontra taghha, u ghalhekk il-Mandat ta' Inibizzjoni ukoll sar fil-konfront ta' zewgha li kien l-uniku konvenut fil-kawza u li kien zewgha ukoll li gie innotifikat bl-istess, madanakollu mill-istqarrija rilaxxjata minnha lill-pulizija jidher car illi hija kient taf ben tajjeb b'dina il-kawza u li kienet ftehmet ma' zewgha sabiex jaghmlu it-trasferiment tal-garaxx minn fuq isimhom ghal fuq isem binthom. Hija stqarret: "F'xi zmien jiena u ir-ragel iddecidejna li l-garaxx li ghadna gewwa Hal Tarxien naqilbuh fuq it-tifla u konna morna ghand in-Nutar Pierre Cassar u kien sar kuntratt biex dana il-garaxx isir prorpjeta tat-tifla taghna bl-isem Louise … Ahna tajna il-garaxx lit-tifla b'donazzjoni. Ma kellna l-ebda skop iehor hlief li l-proprjeta tidher fuq it-tifla u mhux fuqna."[6](sottolinjar tal-Qorti). Illi l-ligi taghna titkellem fuq il-komplicita fid-delitti fl-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali fejn telenka ic-cirkostanzi kollha fejn persuna tista' tisejjah komplici f'reat. Illi l-artikolu 42(e ) tal-Kapitolu 9 li jiddisponi testwalment:

[5] Ara fol.21
[6] Ara fol.22

**“Persuna titqies komplici f’delitt jekk hija tkun xewxet lil haddiehor inkella sahhet il-volonta tieghu sabiex jaghmel id-delitt, jew weghdet li wara l-fatt tassistieh, tieqaf mieghu jew tikkompensah.”**

Illi jidher minn dak mistqarr mill-imputata, illi kien hemm ‘l hekk imsejjah *common design* bejnha u bejn zewgha sabiex isir it-trasferiment tal-garaxx u dana ghall-iskop illi dana ma jibqax jidher fuq isimhom minhabba il-kawza li kien hemm pendenti intavolata mill-koppja Buckland u dana kif previst fl-artikolu 42(e ) hawn iccitat.

Illi meta tigi biex tikkonsidra il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni il-fedina penali nadifa ta’l-imputati u il-fatt illi it-tnejn li huma fl-istqarrijiet rilaxxjati minnhom isostnu illi huma ser jipprovaw ihallsu lill-koppja Buckland u dana billi jottemperaw ruhhom mas-sentenza tal-Qorti. Illi ghalhekk il-Qorti meta tigi biex taghti piena lill-imputati triq tara illi l-imputati ikunu f’posizzjoni ihallsu dak dovut minnhom u ghalhekk fic-cirkostanzi piena karcerarja effettiva ma hijiex idonja. Illi l-Qorti lanqas ser tghaddi biex tordna lill-imputati jikkompensaw lil parti leza u dana fid-dawl tal-fatt illi diga’ hemm gudikat f’dana is-sens. Finalment il-konfiska tal-proprjeta ta’l-imputati favur il-Gvern certament ma tistax twassal sabiex huma jikkompensaw lill-vittmi ghat-telf patrimonjali li huma garrbu f’din id-disgrazzja.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 42(e ), 308, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputati hatja ta’l-akkuza migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannhom ghal piena ta’ sentejn prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dana il-perijodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkomettu reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ dina is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------